



Brussell, 29 ta' Marzu 2019
(OR. en)

7868/19

**Fajl Interistituzzjonali:
2016/0002(COD)**

**CODEC 785
COPEN 129
EJUSTICE 46
JURINFO 7
DAPIX 118**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI, fir-rigward l-iskambju ta' informazzjoni dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi u fir-rigward tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS), u tissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/316/ĠAI (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fl-20 ta' Jannar 2016, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta msemmiha hawn fuq¹, ibbażata fuq l-Artikolu 82(1) TFUE²³⁴.

¹ 5438/16.

² F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22, id-Danimarka mhijiex tipparteċipa fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u la hija marbuta biha u lanqas ma hija soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

³ F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhijiex qed tipparteċipa fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u la hija marbuta biha u lanqas ma hija soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

⁴ F'konformità mal-Artikolu 3 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21, ir-Renju Unit innotifika x-xewqa tiegħu li jipparteċipa fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

2. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ta l-opinjoni tiegħu fit-13 ta' April 2016⁵.
3. Fit-12 ta' Marzu 2019 il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. Ir-riżultat tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill⁶.
4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:
 - japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif imniżżla fid-dok. PE-CONS 87/18, bħala punt "A" fl-aqgħa li jmiss;
 - jiddeċiedi li fil-minuti ta' dik il-laqgħa jiddaħħlu d-dikjarazzjonijiet li jidhru fl-addendum għal din in-nota.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ikun adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁵ ĠU C 186, 25.5.2016, p. 7.

⁶ 6934/19.